32004R0821

29.4.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 127/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 821/2004
tas-26 ta' April 2004
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2229/2003 li jimponi dazju definittiv kontra d-*dumping* u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju kontra d-*dumping* impost fuq importazzjonijiet ta' *silicon* li joriġina fir-Russja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma oġġetti ta' *dumping* minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-Regolament bażiku), u partikolarment l-Artikoli 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Konsulenza,

Billi:

(1) Il-Kunsill, skond ir-Regolament (KE) Nru 2229/2003 [2], impona dazji definittivi kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet li joriġinaw fir-Russja (ir-Regolament definittiv).

(2) SKU LLC, Sual-Kremny-Ural u ZAO KREMNY, produtturi esportaturi li jikkoperaw flimkien fir-Russja, li jagħmlu parti mill-ażjenda tal-Grupp SUAL, flimkien mal-kummerċjant tagħhom, ASMP GmbH, fl-Isvizzera (SKU LLC, Sual-Kremny-Ural; ZAO KREMNY u ASMP GmbH huma minn hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala l-kumpanija), offrew impriża aċċettabbli qabel il-publikazzjoni tas-sejbiet definittivi iżda fi stadju meta kien amministrattivament impossibli li tiġi inkluża l-aċċettazzjoni tagħha fir-Regolament definittiv.

(3) Il-Kummissjoni, bid-Deċiżjoni 2004/445/KE [3], aċċettat l-impriża offruta mill-kumpannija. Ir-raġunijiet ta' l-aċċettazzjoni ta' din l-impriża huma mniżżlin f'dik id-Deċiżjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-offerta riveduta ta' l-impriża telimina l-effett inġurjuż tad-*dumping* u tnaqqas ir-riskju ta' ċirkumvenzjoni fil-forma ta' kompensazzjoni ma' prodotti oħra minn barra l-fruntieri.

(4) Fid-dawl ta' l-aċċettazzjoni ta' l-impriża, huwa neċessarju li jinbidel ir-Regolament (KE) Nru 2229/2003 kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2229/2003 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 għandu jerġa' jiġi numerat bħala l-Artikolu 3 u l-Artikolu 3 għandu jerġa' jiġi numerat bħala l-Artikolu 5;

2. l-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal:

"*L-Artikolu 2*

1. Importazzjonijiet dikjarati għal rilaxx ta' ċirkolazzjoni ħielsa minn kumpanniji li offrew impriżi aċċettati minn u msemmijin fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/445/KE [*] għandhom ikunu eżentati mid-dazji ta' kontra d-*dumping* imposti bl-Artikolu 1; bil-kondizzjoni li dawn ikunu prodotti, trasportati bil-baħar u dokumentati direttament mill-kumpanniji msemmijin għall-ewwel klijent indipendenti fil-Komunità; u bil-kondizzjoni li dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn fattura kummerċjali li għandha għall-anqas l-elementi mniżżlin fl-Anness, u minn ċertifikat li jiddikjara l-analiżi kemikali ta' kull grad tal-prodott konċernat speċifikat fuq il-fattura kummerċjali.

2. L-eżenzjoni mid-dazju għandha ssir ukoll fuq kondizzjoni li l-merkanzija ddikkjarata u preżentata fid-dwana tikkorrespondi preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura kummerċjali u taċ-ċertifikat ta' analiżi kemikali.

([*]) ĠU L 127, 29.04.04, p. 114."

3. l-Anness li ġej għandu jkun miżjud:

"*L-ANNESS*

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu indikati fil-fattura kummerċjali li takkumpanja bejgħ ta' *silicon* lill-Komunità, li huma soġġetti għall-Impriża:

1. L-intestatura 'FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL IMPRIŻA';

2. l-isem tal-kumpannija msemmija fl-Artikolu 2(1) li toħroġ il-fattura kummerċjali;

([1]) ĠU L 56, 06.03.96, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.03.04, p. 12).

([2]) ĠU L 339, 24.12.03, p. 3.

([3]) Ara paġna 114 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

3. in-numru tal-fattura kummerċjali;

4. id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali;

5. il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtu, l-merkanzija mniżżla fuq il-fattura għandha tkun eżentata mid-dazju fuq il-fruntieri tal-Komunità;

6. id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, li tinkludi:

   — in-numru ta' kodiċi tal-prodott (PCN),

   — id-deskrizzjoni tal-merkanzija li tikkorrespondi mal-PCN,

   — in-numru ta' kodiċi tal-prodott tal-kumpannija (CPC),

   — il-kodiċi CN,

   — il-kwantità (f'tunnellati metriċi);

7. id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, li tinkludi:

   — il-prezz kull tunnellata metrika,

   — it-termini applikabbli ta' pagamenti,

   — it-termini applikabbli ta' tqassim,

   — skontijiet u roħs totali;

8. l-isem tal-kumpannija li qed timporta li għaliha l-fattura hija maħruġa direttament mill-kumpannija;

9. l-isem ta' l-uffiċjal tal-kumpannija li ħarġet il-fattura kummerċjali u d-dikjarazzjoni li ġejja, iffirmata:

   'Jien, hawn taħt iffirmat/a, niċċertifika li l-bejgħ għal esportazzjoni diretta minn (isem il-kumpannija) għall-Unjoni Ewropea tal-merkanzija msemmija f'din il-fattura qed jiġi magħmul bl-iskop u taħt it-termini ta' l-Impriża offruta minn (isem il-kumpannija), u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea bid-(Deċiżjoni…). Jien niddikjara li l-informazzjoni prevista f'din il-fattura hija kompleta u korretta.'"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN